MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 1488/1992/1

**Joseph Camilleri**

**vs**

**Edwin Vella, Nazzareno sive Ronnie Attard u martu Maria Theresa Attard**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fl-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta illi

b'att ippubblikat fid-9 ta' Ottubru 1986, huwa xtara minghand il-konvenuti Edwin Vella u Maria Theresa Attard tmien appartamenti enumerati wiehed sa tmienja (1 sa 8) formanti korp ta' Flats ossija appartamenti jismu "Nevada" gjà "Mediterranean Flats", bla numru f'Ball Street, Paceville (Dok. A); illi mill-imsemmija appartamenti, l-appartamenti numri tnejn u tmienja (2 u 8) kienu jappartjenu lill-konvenut Edwin Vella illi, bis-sahha tal-imsemmija att, biegh iz-zewg appartamenti lill-attur bil-prezz komplessiv ta' sebat elef u hames mitt lira (Lm7500) minn liema prezz is-somma ta' elf mitejn u hamsin lira (Lm1250) thallset fuq l-att filwaqt illi l-bilanc ta' sitt elef mitejn u hamsin lira (Lm6250) kellu jithallas fi zmien sentejn mid-data tal-att b'imghax annwali ta' sitta fil-mija (6%); illi s-sitt appartamenti l-ohra fil-korp fuq imsemmi kienu jappartjenu lill-konvenuta Maria Theresa Attard illi bis-sahha tal-istess att bieghet dawn l-appartamenti lill-attur versu l-prezz komplessiv ta' tnejn u ghoxrin elf u hames mitt lira (Lm22500) minn liema prezz is-somma ta' tlett elef u seba' mija u hamsin lira (Lm3750) thallset fuq l-att filwaqt illi l-bilanc ta' tmintax-il elf, seba' mija u hamsin lira (Lm18750) kellu jithallas fi zmien sentejn b'imghax annwali ta' sitta fil-mija (6%); illi fuq l-imsemmi att il-konvenut Nazzareno Attard kien deher f'ismu proprju u ghan-nom taz-zewg konvenuti l-ohra, awtorizzat ghal dan l-iskop bi prokura li giet annessa mal-imsemmi att tad-9 ta' Ottubru 1986; illi akkont tal-imsemmija debiti illi kienu jammontaw komplessivament kif gjà nghad ghal hamsa u ghoxrin elf lira (Lm25000), l-attur ghamel diversi pagamenti mifruxin mid-data tal-kuntratt sal-21 ta' Awissu 1990 b'mod illi sal-imsemmija data tal-21 ta' Awissu 1990 u tenut kont tad-dekorrenza tal-imghax fuq id-debiti, huwa fadallu jhallas biss is-somma ta' circa elf mitejn u erbgha u ghoxrin lira (Lm1224) cioè tlett mija u sitt liri (Lm306) lill-konvenut Vella u l-bilanc lill-konvenuta Attard; illi l-pagamenti maghmula mill-attur saru principalment lill-konvenuti konjugi Attard wahedhom izda bosta drabi xi pagamenti akkont tad-debiti saru direttament lill-konvenut Edwin Vella jew l-imsemmija konvenuti Attard fil-presenza tal-konvenut Vella; illi f'April tas-sena korrenti, l-attur gie notifikat b'ittra gudizzjarja tal-konvenut Edwin Vella tal-21 ta' April 1992 li bih l-attur gie interpellat ihallas is-somma

ta’ hamest elef sitt mija u sebgha u hamsin lira u disa’ centezmi (Lm5657.09) u cioè id-debitu originali ta’ sitt elef mitejn u hamsin lira (Lm6250) mahdum bi tnaqqis biss tas-somom ippercepiti mill-konvenut Edwin Vella personalment minghand l-attur biz-zieda tal-imghax relattiv dekors (Dok B);  illi din il-pretensjoni kienet ghal kollox inkompatibbli mal-pagamenti maghmula mill-attur fuq imsemmija u ghalhekk l-attur talab permezz tal-annessa ittra gudizzjarja (Dok. C) illi l-konvenuti konjugi Attard jiddikjaraw x’kienu l-pagamenti trasmessi minnhom lill-konvenut Vella u fit-13 ta’ Mejju 1992 l-imsemmija konjugi Attard ikkonsenjaw lill-attur l-anness affidavit taghhom (Dok D) fejn stqarrew illi huma avanzaw kwart mill-pagamenti minnhom ippercepiti lill-konvenut Edwin Vella;  illi b’rikors ipprezentat fid-9 ta’ Ottubru 1992, il-konvenut Vella talab illi dik il-Qorti joghgobha tordna l-bejgh in subbasta tal-appartamenti tnejn u tmienja (2 u 8) tal-korp ta’ ‘Flats’ jismu “Nevada” gjà “Mediterranean Flats”, bla numru f’Ball Street, Paceville proprjetà tal-attur in sodisfazzjoni tal-kreditu ta’ hamest elef sitt mija u sebgha u hamsin lira u disa’ centezmi (Lm5657.09) pretiz mill-imsemmi konvenut Vella;  illi b’dan il-mod l-attur jinsab ingustament maqbud bejn il-kontenzjonijiet konfliggenti tal-konvenuti illi llum jinsabu nvoluti kontra xulxin f’tilwim serju iehor;  illi b’rikors ipprezentat kontestwalment l-attur qieghed jitlob dik il-Qorti joghgobha tordna s-sospensjoni tal-proceduri kollha tas-subbasta numru 123/92 fl-ismijiet “Edwin Vella vs Joseph Camilleri”; talab ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex:  1.  tillikwida l-pagamenti maghmula rispettivament lill-konvenuta Maria Theresa Attard u lill-konvenut Edwin Vella akkont tal-krediti rispettivi taghhom fuq imsemmija billi, inter alia, u ghall-iskop ta’ dina t-talba tiddetermina u tistabilixxi liema somma jew somom fdati u avvanzati lill-imsemmija konvenuta jew lill-konvenut Nazzareno Attard mill-attur bl-intendiment illi jigu trasmessi u mhallsa lill-konvenut Edwin Vella gew hekk effettivament transmessi u mhallsa lill-konvenut Vella mill-konvenuti Attard jew min minnhom; 2.  tillikwida s-somom illum pagabbli mill-attur lill-konvenut Vella bhala l-bilanc tal-prezz tal-appartament (*sic*) tnejn u tmienja (2 u 8) fil-korp ta’ flats “Nevada”, Ball Street, Paceville fis-somma ta’ tlett mija u sitt liri (Lm306) jew

somma verjuri illi tigi fissata minn dik il-Qorti b'riferenza ghall-bilanc originarjament pagabbli, l-imghax dekorribbli u l-pagamenti illi jigu pruvati li saru kif mitlub fl-ewwel talba, komprizi dawk illi rrizultaw li saru mill-attur lill-konvenut Vella permezz tal-intervent tal-konvenuti l-ohra jew min minnhom; 3. fid-dawl tar-rizultat tat-talbiet precedenti, tillikwida s-somma llum pagabbli mill-attur lill-konvenuta bhala l-bilanc tal-prezz tal-immobili lilu mibjugha mill-imsemmija konvenuta u dan tenut kont ukoll bil-bilanc originali, l-imghax dekors u l-pagamenti maghmula lill-konvenuta naturalment bit-tnaqqis ta' dawk il-pagamenti illi talvolta jigu stabbiliti minn dik il-Qorti illi gew trasmessi mill-konvenuta u/jew minn zewgha l-konvenut Nazzareno Attard lill-konvenut Vella; 4. f'kaz illi jirrizulta illi sar hlas mill-attur lill-konvenuta u/jew lill-konvenut zewgha Nazzareno Attard ghaliha illi ssupera d-debitu pagabbli mill-attur lill-imsemmija konvenuta, tillikwida l-hlas hekk maghmula indebitament u tikkundanna lill-istess konvenuti konjugi Attard, in solidum bejniethom sabiex ihallsu ossija jirrifondu lill-attur dik is-somma illi tigi hekk likwidata bl-imghax mid-data tal-hlas sad-data tal-pagament effettiv; 5. tordna r-revoka tad-digriet ta' dik il-Qorti tad-9 t'Ottubru 1992 illi bih gie ordnat il-bejgh b'subbasta tal-appartamenti tnejn u tmienja (2 u 8) formanti parti minn korp ta' appartamenti ossija 'flats' jismu "Nevada" gjà 'Mediterranean Flats', bla numru, f'Ball Street, Paceville; 6. tordna c-cessjoni b'effett immedjat tal-bejgh bl-irkant tal-imsemmija proprjetà mitlub mill-konvenut permezz tar-rikors tieghu tad-9 t' Ottubru 1992 fl-atti tas-Subbasta numru 123/92; bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra gudizzjarja ta' April, 1992 u dawk tar-rikors ipprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Edwin Vella illi permezz taghha eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok ic-citazzjoni attrici ghandha tigi ddikjarata nulla u bla effett fil-konfront tal-konvenut, u dan stante li jirrizulta car mill-istess citazzjoni li l-attur qed ihallat flimkien zewgt trasferimenti separati b'relazzjoni

guridici u b'suggetti u kawza ben distinti minn xulxin, li ma jistghux jiffurmaw il-meritu ta' "kawza unika" u wisq anqas ta' talbiet unici u cjoè dak maghmul minn Edwin Vella lilu tal-Flats Nru 2 u 8, f'korp ta' flats bl-isem "Nevada", f'Ball Street, Paceville, u sitt appartamenti ohra fl-istess korp li sar minn Maria Theresa Attard lill-attur. Dan jirrizulta ikkonfermat mill-kuntratt relattiv tal-akkwist datat 9 t'Ottubru 1986 (Dok "A" mac-citazzjoni);

2. Illi di più, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-konvenut, u dan peress li jirrizulta car li l-unika relazzjoni ezistenti dwar il-flats Nru 2 u 8 hija dik bejn l-eccipjenti u l-attur esklussivament, regolata fl-istess kuntratt, u l-pagamenti tal-istess prezz kellhom isiru biss mill-attur lill-eccipjenti. Dwar dan l-istess trasferiment l-eccipjenti m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-konvenuti l-ohra, hlief li fuq il-kuntratt premess il-konvenut l-iehor Nazzareno sive Ronnie Attard kien awtorizzat biss u unikament bi prokura specifika li jidher fuq l-istess kuntratt skond prokura annessa mal-kuntratt (Dok "E") liema prokura giet esegwita u ezawriet ruhha proprio fil-mument tal-kuntratt;

3. Illi bla pregudizzju ghal dak kollu premess it-talbiet attrici huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ghalhekk jidher car li c-citazzjoni attrici hija ghal kollox konfuza u kunfliggenti stante li qed titlob li jsir likwidazzjoni ta' pagamenti dwar <u>zewgt trasferimenti separati, dwar zewgt konvenuti differenti u wkoll separati</u>, li m'ghandhom xejn komuni bejniethom. Minflok li hu determinat hu l-punt li l-konvenut eccipjenti huwa kreditur tal-attur fl-ammont già indikat mill-attur, anke permezz ta' ittra ufficjali datata 20 t'Awissu 1992, oltre imghax ulterjuri. Fil-fatt a bazi tal-artikolu 1152 (1) hemm car li l-hlas ghandu jsir lill-kreditur jew lill-persuna li jkollha, minn ghandu, mill-Qorti jew mill-Ligi, s-setgha li tircievi l-hlas u l-artikolu 1159 huwa konformi mal-istess;

4. Illi kwalunkwe pagament allegatament maghmul lill-konvenuti l-ohra huwa superfluwu fil-konfront tal-esponenti stante li f'tali eventwalità l-azzjoni tal-attur kellha tkun kawza ta' hlas ta' indebitu kontra l-konvenuti l-ohra, li dwarha l-eccipjenti huwa estraneju, stante li in mankanza ta' hlas <u>lilu</u> mill-attur, hu ghandu titolu esekuttiv;

5. Illi ghalhekk konsegwentement ghal dan kollu tali citazzjoni ghandha tigi dikjarata nulla u bla effett, stante li kif jidher car mill-istess citazzjoni u partikolarment il-hames u s-sitt premessa, u l-konsegwenti l-ewwel, t-tieni u t-tielet talba tac-citazzjoni attrici, qed jikkonfondu flimkien zewgt krediti u zewgt kredituri b'kawza ghal kollox ben differenti minn xulxin, u b'relazzjonijiet guridici ben diversi, u ghalhekk hija nulla kull talba ghal likwidazzjoni ta' pagamenti li saru lil persuni differenti dwar zewgt krediti distinti;
6. Illi di più kwalunkwe premessa ta' pagamenti lil persuna differenti mill-kreditur, hija nulla fil-konfront tal-eccipjenti, li huwa estraneju ghal tali hlas, u li skond il-ligi hu wkoll null;
7. Illi l-irregolarità tal-azzjoni attrici tirrizulta wkoll mit-tieni talba, li hi wkoll nulla u bla effett stante li ma jistax ikun hemm tali dikjarazzjoni, jekk tali pagament qatt ma sar lilu, u fir-rigward tar-raba' talba l-eccipjenti huwa kompletament estraneju ghall-istess. Dan a partri l-fatt li l-attur ammetta li kellu kreditu aktar minn dak li qed jallega;
8. Illi ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Edwin Vella u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti Nazzareno Attard u Maria Theresa mart Nazzarenu Attard illi permezz taghha eccipew:
Illi l-esponenti jirrimettu ruhhom u jikkonfermaw dak li ddikjaraw bil-gurament fl-Affidavit (Dok D esebit mac-citazzjoni);
Illi l-ftehim mal-attur kien li l-ewwel jithallas l-kapital u li l-imghaxijiet jithallsu fl-ahhar, cioè wara li jkun gie mhallas il-kapital dovut. L-Lm500 li ssemmew minnhom fil-para 7 tal-affidavit taghhom li kienu thallsu minn Joseph Camilleri lill-Edwin Vella fil-presenza tal-esponenti fis-7 ta' Awissu 1990, kienu thallsu bhala imghax. Ghalhekk, meta Edwin Vella ffirma r-ricevuta relattiva bhala "parti mill-imghax", dan kien jaf li sehemu mill-kapital kien gie lilu mhallas

kollu minn Camilleri jew direttament minn l-esponenti meta rcivew il-pagamenti minghand Camilleri;
Illi l-esponenti ma rcevew xejn indebitament minghand l-attur izda dak li kien dovut lilhom u huma skrupolosament, dejjem, hallsu lill-konvenut Edwin Vella dak li kien imiss lilu minn kull pagament maghmul minn l-attur;
Illi l-esponenti ghadhom kredituri tal-attur ghall-imghaxijiet u qed jirrizervaw kull dritt dwarhom;
Illi kwantu ghat-talbiet 5 u 6 tal-attur, l-esponenti m'ghandhom l-ebda oppozizzjoni;
Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Attard u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tas-sebgha (7) ta' Ottubruru, 1996 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:
"… tichad it-talbiet kollha ta' l-attur kif dedotti bl-ispejjez gudizzjarji kontra tieghu - b'rizerva però li jekk hu jidhirlu l-kaz jistitwixxi proceduri kontra l-konvenuti konjugi Attard skond il-ligi ghal hlas indebitu";
u dan wara illi kkunsidrat hekk:
"… li fost il-premessi ewlenin ta' l-attur li mmotivawh biex jistitwixxi din il-kawza hemm dik li tispecifika li l-konvenut Edwin Vella talab il-bejgh in subbasta ta' proprjetà immobiljari tal-attur biex jithallas debitu fis-somma ta' Lm5,657.09 liema ammont l-attur jippremetti wkoll li kien issalda permezz ta' pagamenti akkont maghmulin tramite l-konvenuti l-ohrajn igifieri l-konjugi Nazzareno sive Ronnie u Maria Theresa Attard.

"Il-konvenut Edwin Vella jichad li rcieva hlasijiet minghand il-koppja konvenuta Attard kif invece qed jigi allegat.

"Il-konvenuti konjugi Attard jikkonfermaw li huma tassew ircevew flejjes minghand l-attur li in parte - kwantu ghal kwart (1/4) minnhom - kienu jghadduhom lill-konvenut Edwin Vella però jghidu wkoll li billi huma kienu jafdaw sew lil Edwin Vella, li kien ukoll jigi hu Maria Theresa Attard, huma qatt ma esigew ricevuti minghandu ta' hlasijiet in kontanti li kienu jaghmlulu ghan-nom ta' l-attur Camilleri.

“Il-Qorti ezaminat sew ix-xhieda u l-provi moghtija. Jidrilha li l-mod kif giet impostata c-citazzjoni dina qeghda tikkomprendi u tallaccja flimkien zewg negozji separati minn xulxin igifieri dak maghmul minn Edwin Vella (konvenut) lill-attur tal-appartamenti numri 2 u 8 fil-korp bl-isem Nevada, Ball Street, Paceville u sitt (6) appartamenti ohrajn fl-istess blokk li sar mill-konvenuta Maria Theresa Attard lill-attur - ara kuntratt Dok A datat 9 ta’ Ottubru 1986 in atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri (a fol. 6 - 10 tal-process).

“Jirrizulta mill-provi li l-attur lahaq ivversa pagamenti akkont kemm lill-konvenut Edwin Vella kemm ukoll lill-konvenuti Attard. Il-proceduri tas-subbasta mhumiex isiru minn Attard imma minn Vella. Vella jichad li qatt ircieva flejjes akkont f’isem l-attur tramite l-konvenuti Vella [*recte*: Attard] anzi jghid li kontra Attard ghandu pendenti proceduri bil-Qorti. Vella jichad ukoll li huwa qatt iddelega lil xi hadd, komprizi lil Attard, li dawn jigbru flus ghan-nom tieghu.

“Illi ankorkè huwa possibbli li l-attur ivversa flejjes lil Attard biex dawn jghadduhom lill-konvenut l-iehor Vella, jibqa’ l-fatt li l-istess Attard (ara x-xhieda moghtija minn Nazzareno sive Ronnie Vella [*recte*: Attard] b’mod specjali) <u>m’ghandhomx ricevuti x’juru in sostenn u in konferma ta’ dan il-hlas</u>. Mela, jekk tassew l-attur qabbad lil Attard biex dawn ihallsu f’ismu lil Vella, huwa jigi li <u>m’ghandux prova ta’ tali pagamenti</u>. Dan apparti l-fatt, kif gjà ntqal, li Vella ghadu jichad li qatt ircieva flus kif gie allegat mill-attur. L-attur jipprova jiskarika l-posizzjoni tieghu ta’ debitur versu Edwin Vella billi jaddossa kollox fuq Attard. Il-konjugi Attard, filwaqt li jasserixxu li huma ghaddew kull flus li rcevew minghand l-attur lil Vella ‘skrupolozament’, fl-istess waqt juru li kienu jekk qatt jitwemmnu, ingenwi u imprecizi ghall-ahhar. Hekk, per ezempju, jittrapela mix-xhieda ta’ Nazzareno Attard f’siltiet bhas-segwenti:

- fol. 56: ‘Jiena fuq mistoqsija tal-Qorti, nghid li ma kontx inzomm notament …’

xxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxx

‘Jiena ma zammejtx l-ebda lista tal-pagamenti li saruli, ghax konna qed nithallsu regolarment.

Qed nigi mistoqsi jiena, x’qieghed nifhem ezatt, b’rati fissi, bhala pagamenti tal-bilanc. Ghandi nghid li ghaddew sitt snin u sincerament ma niftakarx kemm kellu jhallas u kif kellu jhallas l-attur’.

“Wara li x-xhud ighid li skond hu d-dejn ta’ Camilleri versu Vella gie saldat, huwa jirreferi ghal prokura li jghid li huwa nghata minn Vella biex jirraprezentah u kompla hekk (fol. 59/60 tal-process):

‘Qed nigi mistoqsi, jekk fil-fatt il-prokura li ghamilt accenn ghaliha, li kien tani biex nidher f’isem Edwin Vella, kenitx tirreferi biss biex nidher ghalih fuq il-kuntratt.

Nirrispondi li hekk kien, però tant konna ‘close’ jiena u Edwin Vella, li hassejt li stajt nidher ghalih biex nigbor il-flus. Anzi nghid li gieli baghtni hu’.

“Issa li kieku dan kollu huwa korroborat mill-konvenut Vella, allura ma kienx ikun hemm diffikultà, ghaliex prokura tista’ wara kollox tkun wahda bil-fomm, izda hawn ghandna cahda kategorika min-naha ta’ Vella.

“Il-konvenut Vella, difatti, xehed hekk (ara fol. 44):

‘Jiena naf u qed nirrispondi fuq mistoqsija tal-Qorti, li nel frattemp Camilleri (l-attur) kien qed jaghmel xi pagamenti wkoll lil Ronnie Attard, però jiena nghid li dan, <u>dawn il-pagamenti ma kellix x’naqsam maghhom</u>, ghax dawna kienu qeghdin jithallsu skond jiena mill-attur lill-konvenut l-iehor Attard, ghal negozju iehor li kellhom bejniethom skond l-istess kuntratt.

Jiena gieli mort ma’ Ronnie Attard u gieli tkellimna fuq negozju tieghu. <u>Jiena qatt ma rcevejt flejjes minghand</u>

Attard li setghu gew ghandu min-naha tal-attur. Lili qatt ma tani xejn almenu Attard'.
(sottolinear tal-Qorti).

"Fil-prospett tieghu - ara Dok JC1 - fol. 85), l-attur jelenka l-pagamenti li ghamel. Minn dawn l-ewwel wiehed biss jirrizulta li sar b'cheque indirizzat lil Edwin Vella fis-somma ta' Lm875, u dan mhuwiex michud minn Vella. Imbaghad insibu zewg pagamenti li allegatament saru in kontanti lil Vella, jigifieri wiehed ta' Lm1000 in data tad-9 ta' Gunju 1989 u l-iehor fis-7 ta' Awissu 1990 - li però it-tnejn mhumiex sorretti minn ricevuta.

"Anki l-mod kif xehed dwar il-pagamenti juri n-nuqqasijiet lampanti da parti tal-attur. Ighid li huwa strah fuq assigurazzjonijiet bil-fomm (fol. 117) minghand Nazzareno Attard li dan kien qieghed tassew ihallas f'ismu lil Vella u kwantu ghal Vella jghid hekk:

'Hu (i.e. il-konvenut Vella) min-naha tieghu, qatt ma gie jimportunani ghall-flus u jiena assumejt li kien qed jithallas. Attard qatt ma gab biex jurini ricevuti li hallas lil Edwin Vella'.

"Mis-suespost zgur m'hemmx l-icken prova li tassew Vella kien qieghed jircievi hlasijiet minghand l-attur tramite Attard. L-attur fil-prospett tieghu surreferit jaghti x'jifhem li kollox gie saldat. Attard hekk ukoll ighidu. Però l-attur stess fix-xhieda tieghu (ara l-ahhar paragrafu) jispecifika hekk:

'Vuoldieri, jiena kull ma baqghali nhallas huwa xi differenza tal-imghaxijiet, il-bqija l-pagamenti hallasthom kollha barra l-interessi
u aktar tard (fol. 118) ikompli:
'… allura kien baqghali xi Lm1,200 jew Lm1,600'.

"Il-Qorti wara li qieset is-suespost ma hijiex tal-fehma li l-attur ipprova sufficjentement il-premessi tieghu hlief li huwa tassew ivversa flejjes lill-konvenuti konjugi Attard biex in parte - kemm ezatt ma jirrizultax assodat mill-provi - jithallsu lil Edwin Vella. Però l-prova li Vella tassew

[t]hallas, u wisq anqas kemm dan seta' possibilment thallas, assolutament ma tirrizultax ppruvata. Il-Qorti ezaminat ukoll id-diversi talbiet attrici u sabet li lanqas l-ewwel domanda ma tista' takkolji bil-mod kif din hija dedotta ghar-raguni li hija intrinsikament marbuta mal-premessi li kull likwidazzjoni mitluba qeghda tippresupponi wkoll li hemm il-prova li Edwin Vella rcieva flejjes akkont minghand l-attur tramite l-konvenuti konjugi Attard li ma tirrizultax."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talab illi s-sentenza tas-7 ta' Ottubru, 1996 tigi revokata u illi jintlaqghu it-talbiet attrici kif dedotti bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati jew min minnhom jew, altrimenti, jekk hekk jidher xieraq lil dina l-Qorti, l-atti tal-kawza jigu rimessi lill-ewwel Qorti sabiex l-istess talbiet jigu trattati u decizi fil-meritu minn dik il-Qorti;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-konvenut Edwin Vella illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottometta illi l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant u illi, fic-cirkostanzi, l-appell ghandu jigi dikjarat bhala vessatorju bil-piena tad-*doppie spese* stante li jirrizulta car li tali appell sar biss biex l-appellant jiggwadanja zmien ghall-pagamenti;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-konvenuti konjugi Attard illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettew illi l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjes kontra l-attur appellant;

Trattat l-appell;

Ezaminat l-atti tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi, ghalkemm mill-mod kif inhu redatt ir-rikors ta' appell jidher illi l-attur appellant qed iressaq zewg (2) aggravji kontra s-sentenza appellata, wiehed permezz tal-paragrafu enumerat sebgha (7) ta' l-imsemmi rikors u l-

iehor permezz tal-paragrafu sussegwenti, dak enumerat tmienja (8), fir-realtà, wiehed huwa l-aggravju ta' l-appellant kontra din is-sentenza. Dan l-aggravju huma illi l-ewwel Qorti, fi kliem ir-rikors ta' appell, "… wara illi kkonkludiet illi l-appellant ma pprovax illi l-ammonti mhallsa mill-appellant lill-appellat[i] Attard ghat-trasmissjoni lill-appellat Vella gew effettivament trasmessi lill-appellat Vella, qieset illi ic-citazzjoni attrici kienet ibbazata fuq tali prezunzjoni u ghaddiet biex tichad it-talbiet attrici *in toto*" meta "… il-fatti tal-kaz u ir-rapporti gudizzjarji bejn il-kontendenti kienu tali illi t-talbiet attrici messhom gew gudikati fuq il-meritu mill-ewwel Onorabbli Qorti";

Il-Qorti trid taghmilha cara illi ma jistax jigi konsidrat illi, permezz tal-paragrafu enumerat disgha (9) tar-rikors ta' appell, l-attur qed iressaq xi aggravju dwar il-konkluzjoni hawn fuq imsemmija ta' l-ewwel Qorti illi ma jinsabx pruvat illi l-konvenuti Attard ittrasmettew lill-konvenut Vella xi flus illi setghu ircevew minghand l-attur. Infatti, f'dan l-ahhar imsemmi paragrafu tar-rikors ta' appell l-attur, dwar il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti illi ghadha kemm issemmiet, jghid hekk: "… l-appellant lest illi jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti". Dan il-kliem appena citat ma jista' b'ebda mod jigi konsidrat illi jammonta ghal aggravju kontra din il-konkluzjoni. Sabiex jigi evitat kull ekwivoku, però, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi, wara illi ezaminat il-provi kollha prodotti, taqbel pjenament mal-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti illi qed issir riferenza ghaliha f'dan il-paragarafu ta' dan il-gudikat;

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti, wara illi ezaminat sewwa it-talbiet kollha attrici u hasbet u iddeliberat fit-tul dwar x'effett ghandu jkollha il-konkluzjoni korretta raggjunta mill-ewwel Qorti, imsemmija fil-paragrafu ta' qabel dan, fuq it-talbiet attrici, hija tal-fehma illi l-aggravju ta' l-appellant kontra s-sentenza appellata huwa validu biss *in parte*, u dana ghar-ragunijiet segwenti.

M'hemmx dubbju illi l-*causa causans* tac-citazzjoni odjerna kienet it-talba tal-konvenut Vella sabiex, bl-iskop illi jigi sodisfatt il-kreditu tieghu kontra l-attur ghar-rigward tal-bilanc tal-prezz taz-zewg (2) appartamenti trasferiti mill-konvenut Vella lill-attur - illi jissemmew fl-att ta' citazzjoni - jigi ordnat il-bejgh b'irkant gudizzjarju ta' l-istess appartamenti, talba milqugha permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Kummerc tad-disgha (9) ta' Ottubru, 1992. Fil-fatt, permezz tal-hames (5) u tas-sitt (6) - u l-ahhar - talbiet tac-citazzjoni odjerna l-attur qed jipprova jottjeni r-revoka ta' l-imsemmija digriet tad-9 ta' Ottubru, 1992 (il-5 talba) u c-cessjoni tal-bejgh gudizzjarja ta' l-imsemmija appartamenti (is-6 talba). Dawn it-talbiet setghu jintlaqghu biss kieku lill-ewwel Qorti rrizultalha illi l-imsemmi kreditu tal-konvenut Vella kien ghal kollox sodisfatt. Inoltre, seta' kien hemm din ir-rizultanza kieku l-attur irnexxielu jipprova illi l-konvenuti Attard ittrasmettew lill-konvenut Vella dawk il-pagamenti illi huma jammettu illi l-attur ghamlilhom bl-iskop illi huma jghadduhom lill-konvenut Vella, prova illi, kif già inghad, l-ewwel Qorti korrettement ikkonkludiet illi ma saritx. Isegwi, ghalhekk, illi l-ewwel Qorti kienet korretta meta cahdet il-5 u s-6 talbiet attrici;

Minn qari akkurat ta' l-ewwel (1) u tat-tieni (2) talbiet attrici, maghmula permezz tac-citazzjoni odjerna, jirrizulta illi anqas dawn it-talbiet ma setghu jintlaqghu jekk ma jirrizultax illi sar it-trasferiment mill-konvenuti Attard lill-konvenut Vella tal-pagamenti imsemmija fil-paragrafu ta' qabel dan. Ladarba, kif ghadu kemm inghad, ma jirrizultax illi saru dawn il-pagamenti, l-ewwel Qorti kienet korretta illi cahdet l-ewwel (1) u t-2 talbiet attrici;

Dina l-Qorti, però, mhix konkordi ma' l-ewwel Qorti kwantu din, fis-sentenza appellata, cahdet it-tielet (3) u r-raba' (4) talbiet attrici kemm fil-konfront tal-konvenut Vella u kemm fil-konfront tal-konvenuti Attard. Fil-fehma ta' dina l-Qorti, minn ezami, anke l-aktar hafif, taz-zewg (2) talbiet imsemmija f'dan il-paragrafu jirrizulta b'mod lampanti illi l-konvenut Vella ma seta' qatt jigi citat gudizzjarjament dwarhom ghaliex dawn jirrigwardaw biss lill-attur u lill-konvenuti Attard. Però, ma hemm xejn x'josta - kif tajjeb

isostni l-appellant fir-rikors ta’ appell tieghu - illi dawn iz-zewg (2) talbiet jigu trattati u decizi fil-meritu fil-proceduri odjerni u mhux fi proceduri ohra.

Il-konsegwenza logika u legali ta’ dak kollu illi inghad sa issa fil-konsiderazzjoni ta’ dan l-appell hija illi s-sentenza appellata ghandha tigi riformata billi tigi konfermata kwantu cahdet l-ewwel (1), it-tieni (2), il-hames (5) u s-sitt (6) talbiet attrici u kwantu ghall-kap ta’ l-ispejjes, billi tigi revokata kwantu cahdet it-tielet (3) u r-raba’ (4) talbiet attrici u kwantu rrizervat id-dritt lill-attur “… li jekk hu jidhirlu l-kaz jistitwixxi proceduri kontra l-konvenuti konjugi Attard skond il-ligi ghal hlas indebitu”, u billi, minflok, il-konvenut Vella jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ghar-rigward tat-3 u tar-4 talbiet attrici u illi l-atti tal-kawza jigu rinvijati lill-ewwel Qorti ghat-trattazzjoni u decizjoni tat-3 u tar-4 talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti Attard;

Ghal dawn il-motivi:
Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fit-termini infraskritti:
(1) tikkonfermaha kwantu cahdet l-ewwel (1), it-tieni (2), il-hames (5) u s-sitt (6) talbiet attrici u kwantu ghall-kap ta’ l-ispejjez;
(2) tirrevokaha kwantu cahdet it-tielet (3) u r-raba’ (4) talbiet attrici u kwantu rrizervat id-dritt lill-attur “… li jekk hu jidhirlu l-kaz jistitwixxi proceduri kontra l-konvenuti konjugi Attard skond il-ligi ghal hlas indebitu” u, minflok, tillibera lill-konvenut Edwin Vella mill-osservanza tal-gudizzju ghar-rigward tat-3 u tar-4 talbiet attrici u tordna illi l-atti tal-kawza jigu rinvijati lill-Prim Awla tal-Qorti Civili ghat-trattazzjoni u decizjoni dwar it-3 u r-4 talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti konjugi Attard;

Tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza jigu sopportati hekk: dawk tal-konvenut appellat Vella mill-attur appellant; dawk ta’ l-attur appellant mill-istess attur; dawk tal-konvenuti appellati konjugi Attard mill-istess konvenuti Attard; spejjez tar-registru bin-nofs (1/2) bejn l-attur appellant u l-konvenuti appellati konjugi Attard.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------